MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2008

Appell Civili Numru. 642/2004/1

**Pool & Spa Supplies Ltd**

**vs**

**Professur John Mamo u martu Theresa Maria Mamo**

**Il-Qorti,**

Fl-10 ta’ Gunju, 2008, il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> “Il-Qorti:-
>
> Rat l-avviz pprezentat mis-socjeta attrici nhar it-tmintax (18) ta’ Novembru 2004 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti jhallsuha s-somma ta’ elf tmien mija wiehed u sittin lira u hamsa u sebghin centezmu Maltin (LM1861.75) rapprezentanti din is-somma bilanc minn somma akbar ta’ sebat elef tmien mija u disha u tmenin

lira Maltin u sebghin centezmu (LM7,889.75) prezz ta' xoghol u materjal maghmul fuq inkarigu taghhom stess fuq il-*pool* u *sauna* li jinsabu fil-fond imsemmi proprjeta taghhom stess, liema xoghlijiet tlestew ghal habta ta' Lulju 2003, u liema pendenza baqghet ma thalsitx minkejja li huma kienu nterpellati jghamlu dan diversi drabi.

Bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-konvenuti li kienu ngunti 'n subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccepew is-segwenti:-

1. Illi t-talbiet tas-socjeta attrici huma ntempestivi, stante li x-xoghlijiet ma sarux skond is-sengha w l-arti u ma gewx kompletati.
2. Illi subordinament u minghajr pregudizzju, t-talba tas-socjeta attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, stante li x-xoghlijiet ma sarux skond is-sengha w l-arti u ma gewx kompletati.
3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat il-kontro-talba tal-konvenuti prezentata nhar it-tletin (30) ta' Dicembru 2004 fejn ippremettew is-segwenti:-

Illi huma kienu nkarigaw lill-atturi sabiex jghamlu xoghol ta' *swimming pool* u *sauna* gewwa l-fond 'The Cloisters', Triq Imrabat, Sliema.

Illi s-socjeta attrici m'ezegwitx l-imsemmija xoghlijiet skond is-sengha w l-arti u ma kkompletathomx.

Illi ghalkemm interpellata biex taghmel dan, is-socjeta attrici baqhet inadempjenti.

Konsewentement talbu lil din il-Qorti:

1. Tiddikjara li x-xoghlijiet imsemmija fl-avviz ma sarux skond is-sengha w l-arti u ma gewx

kompletati, jekk hemm bzonn bl-assistenza ta' periti nominandi.
2. Tordna s-socjeta attrici sabiex a spejjez taghha, tirrimedja d-difetti fl-istess xoghlijiet u tikkompletihom taht is-sorveljanza ta' perit nominat mill-Qorti u dana fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss.
3. Fin-nuqqas li s-socjeta attrici tottempera ruhha mat-tieni talba, tawtorizza lill-konvenuti sabiex jaghmlu l-istess xoghlijiet taht is-sorveljanza ta' l-istess perit u dan a spejjez tas-socjeta attrici.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta attrici u r-rapprezentanti taghha kienu ingunti 'n subizzjoni.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tas-socjeta attrici ghall-kontro-talba tal-konvenuti fejn eccepew is-segwenti:-

1. Illi t-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenuti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom.
2. Illi anke l-premessi tal-atturi rikonvenzjonali konjugi konvenuti huma zbaljati 'n kwantu s-socjeta attrici esponenta qatt ma tqabbdet taghmel xoghol ta' *swimming pool*, izda biss xoghol konness ma *finishing* ta' *swimming pool* u l-istallazzjoni t'*equipment* fuq *swimming pool* gja kostruwita minn terzi.
3. Illi x-xoghlijiet kollha esegwiti mis-socjeta esponenti fuq inkarigu tal-konvenuti, saru skond is-sengha w l-arti, u sa fejn jikkoncerna tali xoghlijiet, ma hemmx difetti u wisq inqas xoghlijiet rimedjali xi jsiru.
4. Illi salv eccezzjonijiet ohra, s-socjeta mittenti zzomm ferm it-talbiet promoturi taghha, bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuti.

Rat id-diriet ta' din il-Qorti diversament preseduta tat-tmintax (18) ta' Frar 2005 fejn gie nominat il-perit tekniku David Pace.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti diversament preseduta tad-disgha w ghoxrin (29) t'April 2005 fejn il-perit tekniku David Pace gie sostitwit bil-perit tekniku Godwin Abela u dan a spejjez provisorji tal-konvenuti.

Illi nhar l-erbgha w ghoxrin (24) ta' Novembru 2006 is-socjeta attrici pprezentat affidavit ta' **Olvin Mangion** (fol. 23)li gie markat bhala Dok. AFF OM. Olvin Mangion stqarr li f'Marzu 2002 huwa kien gie avvicinat mill-Perit Edwin Mintoff sabiex jaghtih stima t'apparat ta' *swimming pool* ghall-konvenuti. Huwa ghamel l-istima relattiva nhar il-wiehed w ghoxrin (21) ta' Marzu 2002, din giet moghtija lil Professur Mamo, li minn naha tieghu kien accettha w iffirma l-istess (Dok. SM1). Din l-istima saret fuq il-pjanti li tah l-Perit Robert Fenech li jahdem mal-Perit Edwin Mintoff. Qal li jiftakar li kien iltaqa' maghhom fuq is-sit u kien ra li x-xoghol tas-*swimming pool* kien diga beda minn bennej li kien fuq il-post. Huma ghalhekk kienu ftehmu mal-bennej li kien fuq il-post kif kellu isir ix-xoghol. Huma bdew billi poggew il-pajpijiet mal-art sabiex l-art inghatat l-konkos. Meta x-xoghol tal-bennej kien avvanzat, huma poggew id-dawl u xi pajpijiet ohra fil-hitan tal-*pool* sabiex b'hekk il-kostruzzjoni tal-*pool* setghet titkompla.

Jghid li waqt li kien qed isir ix-xoghol fuq il-*pool*, jiftakar li il-konvenut kien talbu sabiex jaghtih stima ghal *sauna*. Huwa kien ta stima lil konvenuta, ghogbitu u kien ordnaha wkoll. Sadantitant ix-xoghol tal-*pool* kien lest u l-bennej kien telaq minn fuq il-post u kien hemmhekk li l-konvenut kien qallu li l-*pool* la kellha parti baxxa, u lanqas ma kellha minn fejn tinsel ghal go fiha. Jiftakar ukoll li l-konvenut kien igerger fil-konfront tal-Perit, ghaliex ix-xoghol ma sarx kif titlob is-sengha. Jghid li sussegwentement kien gie avvicinat mill-perit u talbu sabiex jgholli parti mill-fond tal-*pool* sabiex b'hekk ikun hemm parti baxxa u wiehed jista joqghod 'l fuq minn wicc l-ilma.

Talbu wkoll sabiex jghamillu tarag. Jispjega wkoll li l-*gutter* ta’ madwar il-*pool* kellu jghamilha hu wkoll, ghaliex ma kienx sar. Ghalhekk gie mqabbad sabiex jaghmel xoghol li kellu isir minn haddiehor.

Spjega li effettivament kien gholla l-art tal-*pool*, ghamel it-tarag, ghamel il-*gutter* ta’ madwar il-*pool* kif ukoll il-madum ta’ gewwa u bank tal-‘Jacuzzi’ biex wiehed seta’ jpoggi bil-qeghda. F’dan il-perijodu sar jaf li l-kulur taz-zebgha tal-*pool* kellu jkun blu skur. Huwa nforma lill-konvenuti li din kienet ser tkun problema ghaliex f’kaz li jkun hemm difett, dan kien ser jidher w in oltre mill-esperjenza li kellu, kien jaf li kien ser ikun difficli li jsib dak il-kulur.

Eventwalment ix-xoghol fil-*pool* tlesta, inkluz l-kisi. Fit-tmienja w ghoxrin (28) t’April 2003 huwa kien mar ghand min jghamel iz-zebgha tal-*pools,* jigifieri ‘Sima Coating’, ‘Berger Paints’ u ‘Mc Pherson Paints’ u dawn kollha qalulu li dak il-kulur ma jghamluhx ghal numru ta’ ragunijiet (Dok. ISB 2). Dakinhar stess baghat *fax* lil-Perit Robert Fenech fejn gharfu li dik iz-zebgha ma setghux isibuha.

L-ghada qabbad lin-nies tieghu sabiex jaghtu passata *primer* taz-zebgha li kienu juzaw ghax beda jibza li kien ser jinqasam il-kisi bis-shana, u f’dak il-kaz kienu jinholqu hafna problemi. Huwa rcieva *fax* minghand il-Perit Fenech li kien sab zebgha skura minghand ‘S&R tal-Handaq’. Huwa kien sorpriz b’dan, ghax ma kienx jaf li ‘S&R’ kienu jghamlu zebgha tal-*pools* fi tletin sena t’esperjenza li kellu. Madankollu huwa mar ghand ‘S&R’ u xtara z-zebgha li kien gie ordnat jixtri.

Sadanitant huwa kien qabbad lin-nies tieghu sabiex joborxu l-*primer* li kienu ghamlu, halli b’hekk jizbghu biz-zebgha skura. Huwa qal li ghalkemm huwa ma xtaqx japplika din iz-zebgha,

l-Perit kien qallu sabiex ikompli u fil-fatt kien inghata spjegazzjoni ta kif kellu japplika din iz-zebgha. Jghid li huwa kien prezenti meta nehhew il-*primer* celesti biex b'hekk ta istruzzjonijiet ta' kif kellu jinzebgha l-kulur skur. Jikkonferma li meta nehhew il-*primer*, huma haslu l-*pool*, hallewha tinxef u kien wara li applikaw il-*primer* iswed w imbaghad taw zewg passati zebgha blu skur.

Jghid li wara li zebghu l-*pool,* imlewha u ttestjaw il-makkinarju u kollox hadem sewwa. Ghalhekk installaw l-*automatic pool cleaner* biex il-*pool* jitnaddaf wahdu, pero wara xi ftit jiem, l-konvenuta gibditlu l-attenzjoni li l-*automatic pool cleaner* kienet barxet wahda mit-turgien tal-*pool.* Jispjega li l-barxa kienet twila zewg pulzieri bi hxuna ta' sulfarina, kienet griza cara hafna, jigifieri l-kulur tal-kisi ta' taht iz-zebgha.

Il-konvenuta talbitu sabiex jirrangha ghaliex kienet ser tizzewweg it-tifla taghha u riedet li kollox ikun *in order.* Huwa ghalhekk dahal responsabbli li jbattal il-*pool* u jerga jizbogh it-tarag fejn kien hemm l-barxa. Qal li dan kollu huwa ghamlu a spejjez tieghu u wehel ukoll mija u hamsin lira (LM150) ghall-ilma li kellu jipprovdi mill-gdid.

Madankollu, wara it-tieg, jghid li z-zebgha fejn sar l-irtokk gie jidher aktar skur, u fl-art tal-*pool* bdew jidhru crieki bojod zghar, li kienu ndikazzjoni li z-zebgha kienet bdiet tinqala.

Aktar ma beda ghaddej iz-zmien, dawn it-tbajja bdew jizdiedu, ghax fl-opinjoni tieghu, iz-zebgha skura mhiex certifikata biex tintuza mal-kimika tal-*pool* u lanqas ma hija adattata ghal gol-ilma. Zied ighid li ma kien hemm xejn mix-xoghol li ghamlet is-socjeta attrici li ma kienx skond is-sengha w l-arti. Il-problema vigenti kienet li l-kwalita taz-zebgha u mhux ta' l-applikazzjoni taghha kien difettuz u aktar u aktar meta huma mxew skond l-istruzzjonijiet moghtija lilhom mis-socjeta 'S&R'.

In kontr'ezami nhar it-tnax (12) ta' Dicembru 2006, meta Mangion gie mistoqsi ghaliex kompla bl-applikazzjoni taz-zebgha skura, jekk fil-fehma tieghu ma kienitx addatata, huwa jghid li huwa nghata spjegazzjoni mis-*supplier* u mill-perit dwar kif tigi applikata w ghalhekk haseb li seta' jkompli.

In re-ezami Mangion jikkonferma li kien il-perit Fenech li sab iz-zebgha ghand is-socjeta 'S&R Handaq'. Huwa pero garanzija ma tax fuq iz-zebgha peress li kienet l-ewwel darba li kien ser juzha. Huwa iccara x-xhieda tieghu dwar l-applikazzjoni taz-zebgha fis-sens li l-applikazzjoni taz-zebgha blu skura, kienet tikkonsisti f'applikazzjoni ta' *primer* kulur iswed, qisu qatran u dan passata wahda. Dan kien jinxef malajr qabel l-applikazjoni. Iz-zebgha kienet *two pack mix on site* bi proporzjonijiet stabbiliti, id-dozi kienu lesti f'bottiiet ghat-tahlit. Iz-zebgha thalltet ftit ftit. Gew applikati zewg passati *top coat*, it-tieni wahda erbgha u ghoxrin siegha wara li giet applikata l-ewwel wahda. Il-*pool* giet mimlija xi jumejn wara li nzebghet. Il-*pool* kienet moghttija b'*tarpaulin*.

Il-Qorti rat ukoll il-konkluzzjonijiet tal-perit tekniku nominat minnha fejn kkonkluda s-segwenti:-

1. Illi fl-opinjoni tieghu huwa evidenti li r-raguni ewlenija li l-applikazzjoni taz-zebgha skura nqalghet minn mal-kisi, kienet dovuta ghall-fatt illi meta gie mibrux l-ewwel *primer* blu car minn fuq il-kisi, din l-azzjoni ta' brix ghamlet hsara lill-kisi fis-sens li tnaqqsu effettivament il-*waterproofing properties* tal-kisi li fih kellu mhallat l-prodott 'Sika' proprju ghal dak l-iskop, w allura, meta gie applikat l-*epoxy primer* iswed, dan gie espost ghall-umdita li ppenetrat minn taht il-kisi u inbena *water vapour pressure* taht l-*epoxy primer* li eventwalment dan inqala u b'konsegwenza nqalghet ukoll iz-zebgha ta' fuqu.
2. Illi t-tieni raguni ghaliex l-*epoxy primer* iswed ma qabadx mal-kisi tal-*pool*, kienet in-nuqqas ta'

adesjoni mal-kisi li kien diga assorba l-ewwel *primer* blu car w allura kien ikkontaminat kimikament u dan seta' naqqas l-effett adesiv li eventwalment wassal ukoll ghal qlugh tal-applikazzjoni.
3. Jghid ukoll li mill-bilanc dovut mill-konvenuti lis-socjeta attrici ta' Lm1,861.75, l-ammont konness mal-kisi u zebgha hu ta' LM1,050 id-differenza fl-ammont ta' LM811.75 ghandu jithallas lis-socjeta attrici peress li mhuwiex relatat mal-ilment in kwistjoni. L-ispejjez mal-kisi u zebgha ghandhom jinqasmu bejn il-partijiet. Ghaldaqstant, l-ammont totali li ghandu jithallas lis-socjeta attrici hu ta' LM1,336.75.

Illi jirrizulta minn ezami tal-process li l-perit tekniku gie wkoll eskuss permezz ta' diversi domandi mpost lilu bil-miktub, pero dan nonostante, huwa zamm ferm il-konkluzjonijiet tieghu msemmija fir-rapport fuq imsemmi Dok. GA.

Il-Qorti ezaminat ukoll in-noti ta' sottmissjonijiet tal-konvenuti pprezentata nhar is-sebgha (7) ta' Marzu 2008 u dik tas-socjeta attrici nhar it-tmienja (8) ta' April 2008.

Ikkunsidrat:

Illi m'hemmx dubbju li din hija kwistjoni teknika dwar jekk iz-zebgha li applikat is-socjeta attrici, kienetx tajjba.

Illi nhar is-sittax (16) ta' Marzu 2007 xehed **il-Perit tekniku Godwin Abela** w ipprezenta r-relazzjoni tieghu wara li halef il-kontenut taghha, liema relazzjoni giet markata bhala Dok. GA.

Illi minn ezami ta' din ir-relazzjoni jirrizulta li l-perit tekniku sema' diversi xhieda. Fl-ewwel seduta mizmuma nhar l-erbgha (4) ta' Lulju 2005, il-partijiet kienu spjegaw lill-perit tekniku n-natura tal-kwistjoni bejniethom li essenzjalment

tirrigwarda z-zebgha tal-*pool* li kienet bdiet ticcara u tinqala'. F'din l-istess seduta l-perit kien talab lill-partijiet sabiex jipprovdulu it-*technical specifications* taz-zebgha, nkluz jew il-'BS' jew l-'ASTM' u l-metodologija tal-applikazzjoni tal-istess zebgha, skond kif mahrug mill-*manufacturer*.

**Il-Perit Edwin Mintoff** xehed nhar is-sitta (6) t'Ottubru 2005 u stqarr li l-ufficcju tieghu kien gie kummissjonat sabiex jiehu x-xoghol fil-gnien tal-Profs Mamo, liema xoghol kien jikkonsisti f'kostruzzjoni ta' *swimming pool* u xoghlijiet ancillari ohra. Is-socjeta attrici kkumissjonatu biex jaghmel x-xoghol ta' *services* u *finishes* fl-istess *swimming pool.* Qal li vera kien specifika li kellu jkun hemm mill-kulur blu skur fil-*pool*, izda dan kellu jigi applikat bhala *finish*. Jghid li meta darba mar fuq is-sit sabiex jispezzjona x-xoghlijiet, induna li kuntrarjament ghal-istruzzjonijiet tieghu, il-kulur applikat kien blu car. Huma staqsew lil Olvin Mangion ghaliex sar hekk, u dan qallu li ma sabx il-kulur hawn Malta.

Il-Perit Robert Fench mill-ufficcju tieghu kien iccekja jekk hux il-kaz jew le, u dan sab li s-socjeta 'Jaxa' fil-fatt tipprovdi din iz-zebgha partikolari li tista tigi applikata ghall-*pools*. Huma ghalhekk infurmaw lil Olvin Mangion li dan il-kulur fil-fatt kien jinsab *in stock* ghand 'Jaxa' u gie mitlub sabiex ibiddel iz-zebgha u dejjem isegwi l-*instructions* tal-*maufacturers*. Naturalment dejjem baqa' car il-fatt li fl-ebda punt ma kellu jigi ezonerat mir-responsabilitajiet tieghu li l-kwalita tal-materjal u l-installazzjoni ikunu kif titlob is-sengha. Irrizulta pero li wara ftit ta' zmien bdiet titqaxxar iz-zebgha u f'certu *areas* bdiet tidher il-qoxra taz-zebgha originali li kellha titnehha. Spjega li s-socjeta attrici kellha tnehhi z-zebgha l-qadima qabel ma tapplika dik gdida.

Sussegwentement kienu l-konvenuti, il-Perit Fenech u huwa li ghamlu minn kollox biex

jikkonvincu lis-socjeta attrici tirrimedja ghal dan id-difett, pero dan qatt ma sar. Jghid li l-*creepy crawler* ipprovduta mis-socjeta attrici, meta giet installata u bdiet tintuza, mal-ewwel deher id-difett ghaliex il-qoxra taz-zebgha blu skur mal-ewwel bdiet titqaxxar.

In kontr'ezami jghid li kien il-Perit Fenech li kien ha l-inkarigu mill-ufficcju tieghu sabiex jaghmel ix-xoghol, pero huwa kien isegwi u jmur fuq is-sit ta' spiss. Mistoqsi jekk kienx jaf li kienet ser tigi applikata zebgha blu cara, jghid li ma kienx infurmat. Olvin Mangion kien qallu li ma sabx zebgha skura f'Malta wara li diga kien applika dik skura. Mistoqsi kemm zmien wara giet applikata z-zebgha skura fuq iz-zebgha cara, jghid li ma jiftakarx.
Mistoqsi jaqbilx jekk huwiex il-kaz li jridu jghaddu ftit sieghat qabel ma l-*pool* timtela bl-ilma wara li tigi applikata z-zebgha, jghid li wiehed irid isegwi l-*instructions* ta' dik iz-zebgha partikolari.

Mistoqsi jekk il-*pool* kienitx intliet bl-ilma meta sar l-ilment dwar il-kulur, jghid li mhux cert, pero aktarx li ma kienitx intliet bl-ilma.

Mistoqsi kemm iddum biex *pool* bhal tal-konvenuti tigi mizbugha, jghid li dan il-process mhux ta' gurnata wahda u jiddependi mit-tip ta' zebgha, pero x'aktarx li f'din iz-zebgha partikolari jrid ikun hemm aktar minn *coat* wahda, pero ma jfissirx li l-*coats* l-ohra jigu applikati fi zmien erbgha w ghoxrin (24) siegha.

Illi nhar is-sebgha (7) ta' Novembru 2005, ix-xhud il-**Perit Edwin Mintoff** rega' xehed in kontr'ezami. Mistoqsi jekk il-kummissjoni originali tas-socjeta attrici kienitx ghall-installazzjoni tal-apparat, jghid li wara li rrefera ghall-kopja tal-kuntratt relattiv immarkat bhala Dok. ISB 1, huwa kellu f'mohhu li normalment min jaghmel l-installazzjoni, jaghmel ukoll il-*finishes*, pero mhuwiex cert jekk dan kienx

il-kaz. Jghid li huwa possibli li socjeta bhal ‘Pool & Spa’ taghmel biss l-installazzjoni. Jghid li l-i*statement* tieghu fl-ewwel pararafu tax-xhieda tieghu, huwa korrett.

Mistoqsi jekk Olvin Manion kienx gie mitlub japplika zebgha ta’ kulur iehor skur peress li ma kienx sab kulur hawn Malta, jghid li hu ma kienx gie mitlub japplika zebgha kulur iehor, pero jaf li xi hadd kien sab fejn jissuppllixxi dan il-kulur f’Malta u Olvin Mangion gie mitlub juza lilu. Dan is-*supplier* kien ‘Jaxa’ jew ‘S&R Handaq’.

Mistoqsi jekk ikollhomx *meetings of works* fl-ufficcju, jghid li le, ma jkollhomx.

Mistoqsi jghid jekk jafx meta wasal l-ilment ghandu li l-kulur tal-*pool* kien car, jghid li mhuwiex cert u l-Perit Fenech jista jirrispondi ahjar.

Mistoqsi jekk is-socjeta attrici qattx infurmatu li minn fejn jixtru z-zebgha, huma ma jipprovdux zebgha skura, jghid li jekk qallu, qallu wara li kien applika z-zebgha cara.

Mistoqsi kemm wara giet applikata z-zebgha skura, jghid li ezattament ma jiftakarx, pero probabbli xi gimghat wara. Jista jkun li f’dan il-perijodu Olvin Mangion mela l-*pool* bl-ilma biex jittestja l-*equipment.*

Il-Perit Robert Fenech xehed quddiem il-Perit tekniku Godwin Abela w ikkonferma li huwa jahdem *part-time* fl-ufficcju tal-perit Edwin Mintoff li kien inkarigah sabiex isewwi x-xoghlijiet li kienu konnessi mas-*swimming pool* tal-konvenuti. Jispjega li s-socjeta attrici kienet kkummisjonata biex taghmel l-installazzjoni tal-*pipe work*, biex jissupplixxi l-apparat tal-*filters, pompi,* dawl u dawl tal-*pool, ‘Jacuzzi’* u l-*heated pool equipment* u *s-sauna.*

Jghid li mill-bidu nett l-konvenuta kienet tinsisti li l-*pool* kellha tkun blu skur u kull meta kien hemm diskors mas-Sur Mangion, dejjem tkellmu fuq kulur blu skur. Effettivament saret zebgha blu cara u jiftakar lill-konvenuta ccempillu biex tara kif kienet rat din il-haga. Meta staqsa lil Olvin Mangion, dan qallu li ma jafx li kien jezisti zebgha blu skur.

Qal li huwa kien mar ghand is-*supplier* 'S&R Handaq', li jgib iz-zebgha 'Jaxa' u dan qallu li kellu zebgha apposta ghall-*pools* ta' kulur blu skur. Huwa avza lil Olvin Mangion li din iz-zebgha kienet *available* u tah struzzjonijeit biex inehhi z-zebgha l-antika peress li z-zebgha l-gdida riedet bazi ta' kisi bis-siment u ma setghax tigi applikata fuq zebgha ohra. Jghid li jiftakar li ra lis-socjeta attrici joborxu z-zebgha l-qadima, pero meta rega' mar fuq is-sit, ra l-*pool* mizbugha blu skur. Ma jiftakarx kemm kien ghadda zmien minn mindu bdew joborxu l-*pool* sakemm mar u ra z-zebgha skura lesta. Fil-fatt il-kuntrattur m'avzahx meta gie biex jibda jizbogh iz-zebgha blu skura.

Spjega li wara certu zmien, ghamel spezzjoni ohra w innota li z-zebgha blu skura bdiet titqaxxar, u f'certu partijiet kienet tidher iz-zebgha blu cara. Jiftakar li ghamel divesi *meetings* u tahditiet ma Olvin Mangion u tkellem ukoll mas-*supplier* 'S&R Handaq' biex jipprovaw isolvu l-problema, pero qatt ma waslu ghal soluzzjoni. Jghid ukoll li jidhirlu li l-*creepy crawler* provduta mis-socjeta attici kienet qed taghmel hsara fil-qigh tal-*pool*, forsi anke fil-genb u t-tarag billi kienet qed tobrox iz-zebgha. F'certu postijiet kien jidher blu car.

In kontr'ezami, mistoqsi jekk apparti miz-zebgha blu cara, deherx ukoll il-griz tal-kisi, jghid li jista jkun pero ma jiftakarx.

Mistoqsi jekk qabel ma gie applikat il-blu car, kienx ta struzzjonijiet lill-kuntrattur x'tip ta' zebgha

jew minn fejn jixtri z-zebgha, jghid li hu qatt m'indikalu minn fejn jixtri z-zebgha. Bhala kulur dejjem indika blu skur. Bhala kwalita, kienet indikata fil-*quotation* tas-socjeta attrici.

Mistoqsi jekk is-socjeta attrici qattx staqsietu minn fejn kienet ser tixtri z-zebgha, jghid li ma jiftakarx.

Mistoqsi jafx jekk il-*pool* tqaxxritx miz-zebgha c-cara kompletament jew le, jghid li l-istruzzjonijiet tieghu kienu li jqaxxru kollox, pero ma jistax jikkonferma li ra b'ghajnejh li sar it-tqaxxir taz-zebgha blu cara.

Mistoqsi jekk meta qabel giet applikata z-zebgha blu skura, kienx ircieva xi korrispondenza mis-socjeta attrici dwar l-istess zebgha skura, jghid li kien ircieva u meta gie muri ittra datata tmienja w ghoxrin (28) t'April 2003 mibghuta mis-socjeta attrici minn *Sigma Coatings*, immarkata bhala Dok. ISB 02, li maghha hemm anness *fax* datat tmienja w ghoxrin (28) t'April 2003 mis-socjeta attrici lilu mmarkata Dok. ISB 3 u gie mistoqsi jiftakarx x'kien il-kuntest tad-diskussjoni li ghaddiet bejn Olvin Mangion dwar l-applikazzjoni taz-zebgha skura, jghid illi Olvin Mangion kien qed isostni li ma tezistix zebgha blu skur ghall-*pools*. Zied jghid li huwa mar fil-hanut 'S&R Handaq' w ikkonferma li z-zebgha li ppropona, hi ta' kwalita tajba u li hi adegwata ghall-uzu ta' *pools*. Huwa kien ivverifika li z-zebgha 'Jaxa' kienet tajba ghall-*pools*. Qal li huwa kien issugerixxa lil Olvin Mangion sabiex jixtri z-zebgha 'Jaxa' u ma kellux oggezzjoni minghand Olvin Mangion li z-zebgha kienet ta' kwalita inferjuri.

Mistoqsi jekk Olvin Mangion kienx infurmah li qatt ma kien uza zebgha minghand dan is-*supplier* u li ma setghax jerfa' r-responsabilita fuqha, jghid li jiftakar li qallu li qatt ma kien uzaha, pero mhux li qallu li ma kienx qed jerfa r-responsabilita fl-uzu taghha. Jaf pero li z-zebgha kellha garanzija u li

kieku kien hemm problema biz-zebgha kien ikun responsabbli s-*supplier*.

Mistoqsi jekk ikkonstatax li l-problema kienet problema ta' zebgha, jghid li fl-opinjoni tieghu l-problema ta' tqaxxir kienet dovuta li ma tqaxxritx iz-zebgha ta' taht u dan ghax rah biss b'ghajnejh.

Mistoqsi jekk tkellimx mas-socjeta attrici dwar din il-problema jghid li tkellem.

Illi nhar is-sitta (6) ta' Frar 2006 xehed il-konvenut il-**Professur John Mamo** quddiem il-perit tekniku Godwin Abela fejn qal li xi sitt snin qabel ma xehed kien Dubai u kien ra *swimming pool* mizbugh blu skur, u peress li kien ghogbu hafna, ddecieda li meta jghamel *swimming pool* jiehu hsieb li tinzebgha dak il-kulur. Ghalhekk meta bdew ix-xoghlijiet, taw istruzzjoni lill-Perit Edwin Mintoff li xtaqu li l-*pool* ikun blu skur u l-perit ma sab l-ebda diffikulta dwar dan. Sa fejn jaf hu din ix-xewqa taghhom giet ukoll trasmessa lill-kuntrattur Olvin Mangion. Jiftakar li kienu iltaqhu d-dar tieghu hdejn il-*pool* u Olvin Mangion kien qallu li ma kien jezisti zebgha blu skura u li l-*pools* f'Malta dejjem isiru bi blu car. Dan nonostante huma baqghu jinsistu fuq blu skur u wara diversi laqghat mal-Perit dan Olvin Mangion accetta li jghamlu blu skur.

Jghid li gurnata wahda, meta x-xoghol fuq il-*pool* kien inoltrat, telgha hdejn il-*pool* u ra li l-*pool* kienet qed tinzebagh blu car u z-zebgha kienet avvanzata, jekk mhux lesta. Jghid li ghalhekk cempel malajr lil perit u rrimarkalu dak li kien ra. Il-perit dak il-hin qallu ha jara x'jista jghamel. Jghid li ftit granet wara kien hemm xi haddiem Libjan u dan kien qed iqaxxar iz-zebgha li kienet inghatat fil-*pool*. Huwa ma kienx hemm il-hin kollu, pero ighid li wara nghatat z-zebgha blu skura li bhala kulur kien accettabli ghalih.

Eventwalment jghid li l-*pool* tlesta, imtliet bl-ilma u wara zmien qasir bdew jimmanifestaw ruhhom, specjalment fil-qiegh tal-*pool*, tikek bojod numeruzi li ghalih kienu koroh hafna u ta dan ingibdet l-attenzjoni tal-kuntrattur. Mal-medda taz-zmien dawk it-tikkek baqghu jizdiedu u jsiru akbar. Fil-fatt ftit xhur wara li ghamlu l-*pool*, kellhom t-tieg tat-tifla tieghu d-dar u huma kienu nkwetati hafna dwar l-aspett li se taghti dan il-*pool* u fil-fatt f'dawk iz-zminijiet kemm qabel kif ukoll wara t-tieg, meta il-*pool* kienet mixghula, hafna irrimarkaw xi dnub li *pool* sabiha kellha dawk id-difetti. Jghid li ftit wara li spicca x-xoghol fuq il-*pool*, kienu uzaw tip ta' *creepy crawly* provdut minn Olvin u ghal xi raguni dan qisu wehel mat-tarag tal-*pool* u fejn barax hareg kulur blu car.

Mistoqsi in kontr'ezami jekk qattx talab *quotation* minghand Olvin Mangion qabel ma gie nkarigat bix-xoghlijiet, jghid li jahseb li l-Perit kien talabha. Huwa gie muri d-dokument ISB 1 esebit fl-atti u mistoqsi jgharafx il-firma tieghu fuq dan id-dokument, jghid li iva jgharafha. Jghid ukoll li f'tali dokument ma jidhirx li hemm *quotation* taz-zebgha.

Mistoqsi jekk l-unika lment li kellu dwar il-*pool,* kienitx il-kwistjoni taz-zebgha, huwa jghid li kien hemm problem ohra bhal *leakages*, pero din il-kawza kienet dwar il-kwistjoni taz-zebgha.

Mistoqsi jekk ix-xoghlijiet kienux lesti skond il-kuntratt u cioe il-wiehed u tletin (31) ta' Lulju 2003, huwa jghid li ghalih ix-xoghol ma kienx ghadu lest, peress li ma sarx skond is-sengha w l-arti.

Mistoqsi kemm wara li spicca x-xoghol taz-zebgha bdew jidhru t-tikkek bojod f'qih il-*pool*, jghid li kienu ftit granet wara. Fil-fatt ighid li l-ewwel darba li ntuzat il-*creepy crawly* iz-zebgha tnezzat u hareg il-kulur blu car u huwa ghamel l-ilment mill-ewwel.

Mistoqsi jekk sarux xi pagamenti wara l-wiehed u tletin (31) ta' Lulju 2003, huwa jghid li iva, saru pero kien zamm xi *retention fee*.

Mistoqsi jekk kienx jaf jew kienx infurmat li s-*supplier* ta Olvin Mangion kien 'Sigma Paints', ighid li ma qalulux.

Mistoqsi jekk jistax jghid li zebgha cara gietx mibruxa kollha, jghid li kien hemm xoghol ta' brix, pero ma jafx x'nehha u jekk wiehed jara l-*pool* illum, jidher illi ma tantx nehha.

Mistoqsi jekk il-Perit ssorveljax ix-xoghol ta' tqaxxir, jghid li huwa ma jkunx hemm il-hin kollu. Jghid li fil-fatt lanqas jaf jekk il-perit kienx prezenti fil-bidu li gie applikat il-blu skur.

Ikkunsidrat:

Illi f'din il-kawza l-atturi qed jitolbu lil Qorti tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta attrici s-somma ta' LM1861.75 rapprezentanti din is-somma bilanc minn somma akbar dwar prezz ta' xoghol u materjal maghmul fuq inkarigu taghhom stess fuq il-*pool* u *sauna* li jinsabu fil-fond taghhom, filwaqt li l-konvenuti qed jecepixxu li l-ammont mhuwiex dovut, ghaliex ma sarx skond is-sengha w l-arti w in oltre, ma gewx kompletati w in oltre, talbu sabiex din il-Qorti tikkundanna lis-socjeta tirrimedja d-difetti u tikkompleta x-xoghlijiet taht sorveljanza ta' perit nominat minnha, jew fin-nuqqas li jigu awtorizzati jghamlu dan ix-xoghol a spejjes tas-socjeta attrici.

Illi f'din il-kawza ghalhekk din il-Qori diversament preseduta kienet innominat lill-peri ekniku sabiex jigbor il-provi u jirrelata dwar il-kwisjoni teknika tax-xoghlijiet li saru.

Il-Qorti ma hiex tenuta tabbraccja l-konkluzjonijiet tal-perit tekniku, ghalkemm ma tistax tiskarthom kappriccosament lanqas.

Fil-fatt kif intqal fis-sentenza "**Spiteri Tiles Ltd vs Raymond Borg"** **(**P.A. RCP 28 ta' Frar 2002**)**

**"***Huwa sintomatiku ghalhekk li fid-dawl ta' dan kollu li jinghad, li ghalkemm il-Qorti ma hiex tenuta li taccetta l-konkluzjonijiet peritali kontra l-konvinzjoni taghha nnifisha, kif fil-fatt huwa dettat mill-***artikolu 681 tal-Kap 12***, jibqa' jippersisti l-fatt li tali konkluzjoni peritali, specjalment fuq natura purament teknika, dan il-Qorti ma tistax taghmlu b'mod legger jew kappriccuz. Il-konvinzjoni kontrarja taghha kellha tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravament ipoggu fid-dubbju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b'ragunijiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjonijiet ta' aspett tekniku tal-materja taht ezami."("***__Philip Grima vs Carmelo Mamo__ **–** A.C 29 ta' Mejju 1998; **__Anthony Cauchi vs Carmel Mercieca__** – A.C. 6 ta' Ottubru 1999; **__John Saliba vs Joseph Farugia__** A.C. 28 ta' Jannar 2000; **__Sammy Tabone vs Carmel Tabone et__** – A.C. 5 ta' Ottubru 2001.

Illi dawn is-sentenza huma bbazati wkoll fuq dak li intqal fid-decizjoni fil-kawza fl-ismijiet "**__Giswarda Bugeja et vs Emmanuele Muscat et"__** *(A.C. 23 ta' Gunju 1967 – Vol. L i 390*) fejn intqal li:

*"Ghalkemm ir-rapport tekniku huwa kontrollabli mill-gudikant bhal kull prova ohra, b'danakollu, l-giudizio dell'arte espress mill-perit tekniku ma jistghax u m'ghandux aktar u aktar fejn il-parti nteressata ma tkunx ipprevaliet ruha mill-fakolta lilha moghtija b'talba ghan-nomina ta' periti addizzjonali, jigi skartat facilment ammenoche ma jkunx jidher sodisfacentement li l-konkuzjonijiet peritali huma, fil-kumpless kollha tac-cirkostanzi irragonevoli."*

Illi mill-provi prodotti mill-partijiet jirrizulta ghas-sodisfazzjoni tal-perit tekniku li s-socjeta attrici ma hadmitx skond is-sengha w l-arti meta zebghet il-*pool* tal-konvenuti u dan ghar-ragunijiet imsemmija akar 'l fuq fil-konkluzjonijiet imsemmija fir-rapport tekniku fuq citat.

Illi s-socjeta attrici ssostni fin-nota taghha li semmai, jekk kien hemm xoghol hazin minn naha tas-socjeta attrici, dan kien minhabba d-direzzjoni hazina tal-Perit Fenech u cioe l-Perit nominat mill-konvenuti u **zgur li ma kienx** nuqqas tas-socjeta attrici, li skrupolozament segwiet l-istruzzjonijiet moghtija lilha.

Illi l-konvenuti minn naha taghhom fin-nota responsiva jghidu li s-socjeta attrici hija responsabbli ghax-xoghol hazin li sar minhabba l-principju baziku f'materja ta' kuntratti t'appalt illi l-appaltatur ghandu jiggarantixxi l-bonta ta' xogholu u jghati lill-appaltatur opera sodisfacenti. (vide **Victor Tabone vs Felix Mifsud** deciza 5 ta' Ottubru 1994 mill-Qorti tal-Appell **Antonio Pisani vs Carmelo Debatista** deciza 8 ta' Mejju 1958 mill-Prim Awla tal-Qorti Civili).

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li huwa minnu li s-socjeta attrici ma kientix konvinta mill-uzu taz-zebgha suggerit mill-Perit Fenech, pero dan nonostante wzatha xorta u ghalhekk ghandha tinzamm responsabbli ghal dak kollu li rrizulta sussegwenement minhabba applikazzjoni hazina ta' zebgha.

Fil-fatt fis-sentenza **Mario Blackman vs Carmelo Farrugia et noe** deciza mill-Qori Kummercjali nhar is-sebgha w ghoxrin (27) ta' Marzu 1972 jinghad, li l-appaltaur ghandu l-obbligu li jara li x-xoghol li jkun sejjer isir utilment u mhux b'mod li 'l-quddiem juri difetti. Jinghad li f'kaz bhal dan hu ghandu mill-ewwel ma jghamilx x-xoghol jew ikollu

jirrispondi ghad-difetti li jigru ‘l quddiem. Dan ghaliex id-difett fl-esekuzzjoni tal-appalt ma jrendux lill-appaltatur inadempjenti, imma jaghtu biss d-dritt lill-appaltant li jitlob li dawk d-difetti jigu riparati meta d-difetti ma jkunux sostanzjali. (***Vol. XXX p 111 p 440).***

Il-Qorti hija sodisfatta mill-provi prodotti li hija s-socjeta attrici li ghandha tinzamm responsabbli ghad-difetti li hemm fiz-zebgha tal-*pool* tal-konvenuti w ghalhekk ghandha tirrispondi ghall-hsarat sofferi mill-istess konvenuti.

Ghaldaqstant din il-Qorti taqta u tiddeciedi din il-kawza billi fir-rigward tat-talba principali kontenut fl-avviz promoss mis-socjeta attrici, filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn dawn huma b'xi mod inkompatibbli ma dak hawn deciz, tikkundanna lill-istess konvenuti konjugi Mamo jhallsu lis-socjeta attrici s-somma ta' elf tmien mija u disghin Euro u sebgha u tmenin Euro centezmi (€1890.87c) ekwivalenti ghal tmien mija u hdax-il lira u hamsa u sebghin centezmu (Lm811.75), munita antika, u dan peress li din is-somma ma hijiex relatata mal-ilment in kwistjoni u tichad il-kumplament tat-talba.

Ghar-rigward tal-kontro-talba, il-Qorti taqta u tiddeciedi billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta attrici fejn dawn huma b'xi mod inkompatibbli ma dak hawn deciz, tikkundanna lis-socjeta attrici thallas lill-konjugi Mamo s-somma ta' elfejn erba' mija hamsa u erbghin Euro u erbgha u tmenin Euro centezmi (€2,445.84) ekwivalenti ghal elf u hamsin liri Maltin (Lm1,050) munita antika, u dan bhala danni ghall-hsarat sofferti minnhom minhabba li ma sarx xoghol skond ma titlob is-sengha w l-arti fil-konfront taghhom mis-socjeta attrici.

Bl-imghax skond il-ligi dovuti mid-data ta' din is-sentenza.

> L-ispejjez tal-kawza jinqasmu nkwantu ghal zewg terzi mis-socjeta attrici w inkwantu ghal terz mill-konvenuti.”

Bl-appell taghha minn din id-decizjoni s-socjeta` attrici talbet il-varjazzjoni taghha in kwantu ghat-talba principali minnha dedotta bl-Avviz u ghar-revoka ta’ dik il-parti tas-sentenza relattiva ghal kontro-talba.  Dan hi taghmlu permezz ta’ l-aggravji segwenti:-

(1) L-ewwel Qorti ddecediet *ultra petita* t-talbiet rikonvenjonali billi minn ebda wahda minnhom ma tirrizulta domanda ghar-rizarciment tad-danni;

(2) L-istess Qorti malament iddecediet meta, minghajr ebda spjegazzjoni, ma laqghetx ir-rakkomandazzjoni konklusiva tal-perit tekniku nominat minnha – dik, cjoe, li l-ispejjez konnessi ma’ kisi u zebgha tal-*pool* jinqassmu bejn il-partijiet;

(3) Fl-istess waqt, kienu jezistu ragunijiet validi biex l-ewwel Qorti tiddevja mir-rapport peritali.  Dan bil-motiv illi hi segwit l-istruzzjonijiet lilha moghtija, kompriz l-applikazzjoni taz-zebgha skura adoperata, fornita minn socjeta` terza.  F’kull kaz, tikkontendi illi l-umdita` tidher li kienet provenjenti minn *reservoir* ta’ ilma sottostanti l-*pool*;

(4) L-ewwel Qorti ma kienx messha bla gustifikazzjoni ta’ xejn taddossa fuqha zewg terzi ta’ l-ispejjez tal-kawza;

Il-fatti huma kjarament esposti fis-sentenza appellata u mhux il-lok li din il-Qorti toqghod terga’ tirreplikahom. Tillimita ruhha ghal premessa illi s-socjeta` attrici talbet, bl-azzjoni taghha, il-hlas ta’ somma bilancjali ghax-xoghlijiet ezegwiti u materjal applikat, liema talba giet rezistita mill-konvenuti appellati bid-difiza illi din hi intempestiva ghax ix-xoghlijiet ma sarux skond l-arti u s-sengha u baqghu inkompletati.  Dan kif anke minnhom

espost fil-kontro-talba. In bazi ghal din il-premessa l-Qorti jidhrilha opportun illi l-ewwelnett tghaddi biex tinvesti flimkien it-tieni u t-tielet aggravji lilha sottoposti mis-socjeta` attrici appellanti;

In linea preliminari huwa kondiviz minn qrati u tribunali diversi illi r-relazzjoni ta’ perit espert nominat hi mezz istruttorju affidat lill-kontroll u apprezzament tal-gudikant. Ara fuq appell devolut lilha minn decizjoni tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar, is-sentenza ta’ din il-Qorti, kif presjeduta, fl-ismijiet “**Edwin Vella -vs- Joanna Briffa**”, 18 ta’ Ottubru, 2006 u l-gurisprudenza fiha riferenzjata. Fil-limitu ta’ l-intrinsiku ghar-rizoluzzjoni tal-kwestjoni kontenenti periti teknici, il-gudikant hu mistenni li jattjeni ruhu ghall-opinjonijiet ta’ l-espert, specjalment meta ma jkollux opinjonijiet ohra kuntrarji. Jista’ wkoll pero` jiddevja minn dawk l-opinjonijiet in kwantu, fit-termini ta’ l-Artikolu 681 tal-Kodici ritwali, huwa mhux vinkolat bid-deduzzjonijiet ta’ l-espert, lanqas fuq l-accertamenti teknici, u jista’ ghalhekk fil-funzjoni tieghu, jigbed awtonomament il-konkluzjonijiet logici u guridici tieghu fuq il-bazi tal-materjal probatorju akkwizit. Naturalment, il-gudikant ma jistax facilment u bla ebda gustifikazzjoni jiddissenti mill-perizja teknika lilu sottomessa minghajr ma jipprovdi motivazzjoni xierqa ghaliex ma jkunx ser jadopera din il-perizja. Jew, almenu, li juri li dik il-perizja hi wahda deficjenti fir-rigward tal-kriterji ta’ valutazzjoni adottati;

Premess dan, jidher mill-atti tal-kaz prezenti illi l-materja kienet tinvolvi accertamenti teknici rivolti ghar-ricerka u determinazzjoni dwar jekk ix-xoghlijiet ezegwiti mis-socjeta` attrici kienu, jew ma kienux, kif hekk kontez mill-konvenut, skond is-sengha u l-arti. Skond l-espressjoni ta’ fehma tal-perit tekniku, kif artikolata fil-konkluzjonijiet tar-relazzjoni tieghu (fol. 33 *et sequitur*), ir-raguni tal-vizzju teknikament riskontrat kien dovut ghall-azzjoni tal-brix ta’ l-ewwel *primer* blu car li ghamel hsara lill-kisi u minhabba n-nuqqas ta’ adezjoni ta’ l-*epoxy primer* iswed mal-kisi

ghax dan gie kimikament kontaminat bl-assorbiment ta’ l-ewwel *primer* blu car;

Minn dawn il-konkluzjonijiet, abbinati mal-provi l-ohra processwali attendibbli, ma jidherx li jista’ jitqies valevoli l-argoment tas-socjeta` attrici appellanti illi hi ottemperat ruhha kif imiss ma’ l-obbligu li tezegwixxi x-xoghlijiet kommissjonati lilha skond id-dettami tas-sengha u ta’ l-arti. Ibda biex, bil-kontra ta’ dak sostenut minnha, ma jirrizultax li hi segwiet fedelment dak konkordat bejn il-partjiet, tant li, *sua sponte* apportat varjazzjoni fil-modalita` tax-xoghlijiet u adottat materjal divers meta applikat zebgha blu car minflok dak blu skur. Din id-diversita` fil-materjal ma kienetx dettal ta’ rilevanza skarsa jew ta’ ebda differenza sostanzjali minn dak kontrattwalment miftiehem, tant li s-socjeta` attrici giet ordnata telimina dak applikat minnha u tissostitwih b’dak appattwit;

Is-socjeta` attrici appellanti lanqas ma ghandha raguni fl-assunt taghha illi l-*causa causans* tad-difett kien jinsab fil-ghazla u x-xorta tal-materjal komprat minghand is-socjeta` terza, kif dirett mill-Arkitett tal-konvenut. Dan mhux biss ma jirrizultax li hu hekk il-kaz minn ebda kumment jew osservazzjoni tal-perit tekniku fir-relazzjoni jew in eskussjoni talli, ankorke, dan kien *gratia argomenti* hekk, tajjeb li jigi mfakkar illi l-appaltatur xorta wahda ma setax lanqas japprofitta ruhu minn xi “negligenza” ta’ l-Arkitett u jitrasgredixxi d-dettami ta’ l-arti. Jekk ix-xoghol sar hazin din ir-responsabilita` tieghu lanqas ma hi eskluza minhabba li hu jkun qaghad ghal dak li ried il-kommittenti. Ara **Kollez. Vol. XXV P I p 727** u **Vol. XL P I p 485**, fost ohrajn. Jekk is-socjeta` attrici kellha dubju mill-bonta tal-materjal hi kienet fid-dmir li ma taghmelx ix-xoghol inkella, skond gurisprudenza affermata, hi tigi kostretta li taghmel tajjeb ghad-difetti li jigru ‘l quddiem. Ara “**Mario Blackman -vs- Carmelo Farrugia *et nomine***”, Appell Kummercjali, 27 ta’ Marzu, 1972. Kwantu ghall-allegata umdita` provenjenti minn *reservoir* sitwat taht il-*pool* din tibqa’ mera allegazzjoni li ma ssib riskontru minn ebda prova konkreta in atti;

In bazi ghall-gurisprudenza enuncjata u ghal konsiderazzjonijiet zvolti l-gravami sottoposti lil din il-Qorti fuq il-meritu tal-kontroversja ma jisthoqqilhom ebda akkoljiment. Biex proprju taghlaq il-kwestjoni fuq dan l-aggravju, jrid jinghad illi ghalkemm huwa veru li l-ewwel Qorti ma esprimiet ebda opinjoni fuq il-parti konklusiva tal-perizja relattiva ghall-ispartizzjoni ta' certi spejjez, dik l-istess konkluzjoni tal-perit ma kienetx hlief rakkomandazzjoni li l-Qorti setghet taccetta jew ma taccettax. Implicitament, imbaghad, huwa ovvju mill-parti razzjonali tas-sentenza illi ma kienx fl-intendiment ta' l-ewwel Qorti illi tikkundanna lill-konvenuti jikkontribwixxu ghal spejjez ta' kisi u ta' zebgha meta rrizultalha, fuq il-valutazzjoni taghha tal-provi u tal-perizja, illi x-xoghlijiet ma sarux skond l-arti u s-sengha;

Raggunta din il-konkluzjoni, din il-Qorti lanqas ma tara li tezisti gustifikazzjoni ghall-akkoljiment ta' l-aggravju dwar il-kap ta' l-ispejjez. Il-mod kif jigu divizi l-ispejjez ta' kawza jirrientra fil-poter diskrezzjonali ta' kull tribunal u dment li ma jkunux jirrizultaw, kif hekk ukoll ma jirrizultawx f'dan il-kaz, ragunijiet serji biex din il-Qorti tiddipartixxi mill-konkluzjoni ta' l-ewwel tribunal dwarhom, l-istess ghandhom jibqghu invarjati. Wara kollox, l-obbligu tas-socjeta` attrici li tati xoghol sodisfacenti kien jaggrava fuqha u la gie stabbilit li ma sarx hekk f'dan il-kaz, l-istess socjeta` appellanti ma tistax tippretendi illi din il-Qorti ghandha tissostitwixxi d-diskrezzjoni tal-Qorti ta' l-ewwel grad b'dik taghha;

Jifdal li jigi konsiderat l-ewwel motiv ta' aggravju. Huwa principju generali illi kull tribunal huwa proceduralment tenut li joqghod fil-limiti tat-talbiet u ta' l-eccezzjonijiet sottomessi mill-partijiet. Il-vizzju ta' l-*extra* jew ta' l-*ultra* petizzjoni tavvera ruhha ghaliex il-gudikant jippronunzja ruhu oltre dawn il-limiti. Dan il-principju f'dan il-kaz gie lez in kwantu, kif anke rikonoxxut mill-appellati fir-risposta taghhom ta' l-appell, l-ewwel Qorti qabzet l-argini tad-

domandi specifici sottomessi lilha bil-kontro-talba u ghaddiet biex tillikwida d-danni, meta talba f'dan is-sens ma kienx hemm. Gjaladarba, kif inghad fl-istess risposta l-appellati ma ghadx ghandhom interess fit-tieni u t-tielet talbiet bl-azzjoni rikonvenzjonali mhux il-kaz li din il-Qorti tissofferma ruhha dwarhom. Naturalment, in vista ta' dak li ntqal aktar 'il fuq, l-ewwel talba rikonvenzjonali qeghda tigi hawn ikkonfermata.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed timmodifika s-sentenza appellata billi thassar u tirrevoka dik il-parti taghha li biha kkundannat lis-socjeta` attrici ghad-danni versu l-konvenuti. Mill-kumplament l-istess sentenza qeghda tigi hawn ikkonfermata, b'dan li tirrizerva *si et quatenus* favur il-konvenuti appellati kull dritt ta' azzjoni ghad-danni lilhom spettanti. L-ispejjez ta' din il-procedura jibqghu sopportabbli mis-socjeta` attrici appellanti. Dawk ta' l-ewwel Qorti jibqghu kif decizi, salv li t-tassazzjoni dwarhom ma ghandhiex tinkludi d-drittijiet riferibilment ghal parti kundannatorja fis-sentenza relattivi ghad-danni u li giet b'din id-decizjoni revokata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------